MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Numru 76/2002

**Artikolu 325 (c)**
**tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

v

**EMANUEL ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL ZAMMIT** ta' sitta w erbghin sena bin Carmelo u Vincenza nee Micallef, imwieled Pieta' fid-dsatax ta' Dicembru, 1955 u li joqghod fil-fond bl-isem "Zammit Flats", Flat 2, Triq Baskal Buhagiar,

Mosta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0036456M akkuzat talli fil-hamsa ta' Ottubru 2000 ghall-habta ta' bejn l-hdax ta' filghodu u nofsinhar, waqt li kien fi Triq il-Kostituzzjoni, l-Mosta, voluntarjament ta diversi daqqiet fuq karozza li ggib in-numru ta' registrazzjoni AAF 663 tal-ghamla Datsun u b'hekk ikkagunalha hsara li l-valur taghha jeccedi l-hamsin lira maltin izda mhux l-hames mitt lira maltin u dan ghad-dannu ta' John Frederick Payne minn San Pawl il-Bahar.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' Jannar 2002 esibit fl-atti a fol 22 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li fl-ezami li sar lil imputat l-istess imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

**John Frederick Payne xehed** nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2002 fejn stqarr li waqt li kien qed jistenna lil martu tixtri minn hanut maghruf bhala 'Vellas' f'High Street, Mosta, ipparkjat bejn il-*petrol station* u l-hanut in dezamina, hareg l-imputat mill-*petrol station* u bla raguni ta' xejn, qallu "*I don't like your face*" u tah daqqa f'wiccu u ta diversi daqqiet fuq il-vettura tieghu tal-ghamla Dartsun bin-numru ta' registrazzjoni AAF 663.  Mistoqsi mid-Difiza jekk kienx veru li kien ilu pparkljat quddiem il-*petrol station* ghal perjodu ta' cirka ghoxrin minuta, huwa cahad b'mod kategoriku u qal li huwa ma pprovokahx.  Qal wkoll li kien ilu hemm biss erbgha minuti jistenna lil martu tohrog b'lampa kbira f'idejha mill-hanut.

**Patricia Payne** mart John Frederick Payne **xehdet** wkoll nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2002 li waqt li kienet fil-hanut "Vellas" f'High Street, Mosta, hija semghet kommozzjoni kbira u ghalhekk harget tara x'kien gara u

rat lil imputat, li gharfitu fl-awla, jaghti daqqiet f'wicc zewgha u fuq il-karozza tieghu. Hija daret, gabret il-lampa, dahlet fil-karozza u flimkien ma zewgha saqu lejn l-Ghassa biex jghamlu rapport.

**Joseph Catania**, impjegat tal-imputat **xehed** li huwa ma ra l-ebda incident jsehh u lanqas ma semgha xi ghajjat jew storbju. Qal biss li jiftakar li kien hemm vettura barra l-pompa tal-imghallem, l-imputat, kien baghtha 'l hemm diversi drabi. Huwa pero ma qalx ta' min kienet l-vettura jew x'tip ta' vettura kienet jew min kien fiha.

Pero John Frederick Payne ikkonferma li kien ra lil Joseph Catania dakinhar tal-incident fuq il-post u fil-fatt kien hu li gibed lil imputat minn fuqu.

**PS 1133 Joseph Borg xehed** nhar l-hamsa ta' Lulju 2002 fejn ikkonferma li quddiem il-hanut "Vellas" hemm *parking space* u ghalhekk nies jistghu jipparkjaw hemm. Huwa esibixxa pjanta redatta minnu tal-ekwati.

**L-imputat xehed minn jeddu u b'mod voluntarju** nhar s-sbatax ta' Settembru 2002 fejn spjiega li Payne kien ilu pparkjat *double parking* fuq il-pompa tal-petrol tieghu ghal madwar siegha u kien qed johloqlu kongestjoni ta' traffiku. Huwa qal li talab lil dan Payne sabiex isuq 'l hemm diversi drabi pero ma tax kazu u darba minnhom avvicinah u waqt li kien ma gembu, Payne kellmu bl-ingliz w innota li kien ta' nazzjonalita ingliza u f'daqqa w il-hin jghid li tah daqqa, huwa ingibed 'l hemm, Payne saq 'l hemm u fil-process setgha laqatlu l-bieba tal-karozza tieghu w kkagunalha xi hsarat. L-imputat jkompli jghid li Payne kien provokanti hafna u kien hu li tah daqqa ta' ponn f'wiccu l-ewwel. Ghalkemm mistoqsi l-imputat jekk marx jaghmel rapport l-Ghassa, hu wiegeb fin-negattiv, anzi ex admissis qal " *dawn l-affarijiet ma jinteressawnix*." Huwa qa li tkellem mal-Pulizija ghaliex kienu huma li kienu baghtu ghalih.

Gew esibiti mill-Prosekuzzjoni zewg ritratti li jinsabu mmarkati bhala dokumenti R 1 u R 2 a fol 20 tal-atti li jindikaw l-hsara fuq il-vettura propjeta ta' John Frederick

Payne skond ix-xhieda tar-rappresentant tal-Ufficju tal-Licenzji.

**Raymond Curmi xehed** nhar d-dsatax ta' April 2002 fejn qal li huwa ghandu garaxx ta' *panel beating* u kien ezamina l-vettura tal-ghamla Datsun bin-numru ta' registrazzjoni AAF 663 li hija propjeta ta' John Frederick Payne flimkien ma *surveyor* tal-Insurance u fil-fehma tieghu il-valur tal-hsarat u labour fuq din il-vettura jammontaw ghal mija erbgha w sittin lira maltin u sitta w sebghin centezmu kif deskritti fl-*invoice cash sale* mahrug minnu nhar l-hmistax ta' April 2001 li tinsab esibita fl-atti a fol 10 markata bhala dokument R 1.

Il-Qorti rat wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet presentata mill-imputat u bir-rispett kollha ma taqbilx mal-Avukat Difensur meta jghid li din hija biss kwistjoni civili u dan ghaliex l-aggressjoni tal-imputat u l-agir tieghu jaqghu fl'ambitu penali.
Illi veru li din il-Qorti sejra taghmel l-apprezzament fuq il-provi mismugha u fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan ghamlitu skond dak li jiddisponi l-artikolu 637 tal-Kap 9 u cioe rat x'interess setgha kellu xhud f'dak li qal u l-konsistenza tieghu.

Il-Qorti thoss li x-xhieda tal-konjugi Payne fic-cirkostanzi hija aktar kredibbli u li ghandha tinghata aktar widen.

**Fic-cirkostanzi il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddecidi li ssib ssib lil imputat EMANUEL ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha moghtija fil-konfront tieghu.**

**Rat il-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 26 mmarkata bhala dokument R 6, u minn ezami taghha jirrizulta li ghalkemm l-imputat diga deher il-Qorti huwa kien akkuzat b'numru ta' kontravenzjonijiet u reati ta' portata zghira.**

**Rat li l-hsarat voluntarji kienu zghar u li l-Prosekuzzjoni m'akkuzatx lil imputat b'feriti ta' natura hfief.**

**Ghalhekk fic-cirkostanzi il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat EMANUEL ZAMMIT hati tal-akkuzi kif addebitati lilu u tiddecidi minhabba dak espost aktar 'l fuq li tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

---------------------------------TMIEM--------------------------------